MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 471/2012

**Adrian Theuma**

***kontra***

**RLR Limited**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-11 ta` Mejju 2012 li jaqra hekk –

*1. Illi l-attur kien xtara minghand is-socjeta` konvenuta magna gdida, tat-tip outboard tad-ditta ETEC 90 HP u dan ghall-prezz ta` €7,735.20 ;*

*2. Illi wara biss 100 siegha ta` uzu, din il-magna ma baqghetx ittella` 'revolutions per minute' daqskemm suppost, b`dan li l-performance tal-magna bdiet tbati mill-ewwel, u bdiet tintefa` wahedha ;*

*3. Illi nonostante li s-socjeta` konvenuta pprovat issewwi din il-magna diversi drabi, il-problema baqghet ma ssolvitx ;*

*4. Illi jirrizulta ghalhekk bl-iktar mod car li l-magna li xtara l-attur minghand il-konvenut ma hijiex tal-kwalita` pattwita, u ma sservix l-uzu li kien intiz ghaliha u li wassal l-attur jixtriha ;*

*5. Illi l-magna de quo hija koperta taht garanzija li tiskadi fil-11 ta` Mejju 2012, u ghalhekk dejjem kienet ben koperta, u s-socjeta` konvenuta ghalhekk kienet obbligata lill-attur ghat-tiswija jew tibdil tal-magna ;*

*6. Illi wara d-diversi tentattivi ta` l-attur sabiex jasserixxi d-drittijiet tieghu taht il-garanzija, u ghalkemm l-attur ipprova jasal ghal ftehim bonarju mas-socjeta` konvenuta, l-attur ma rnexxielu jikseb ebda rimedju skond il-Ligi minghand is-socjeta` konvenuta, li bl-iktar mod car uriet li ma kinitx lesta tonora l-obbligi taghha skond il-Ligi ;*

*7. Illi apparti konsiderazzjonijiet ohra ta` dritt, l-agir tas-socjeta` konvenuta tikkostitwixxi wkoll ksur kuntrattwali billi ghalhekk ma onoratx il-garanzija moghtija fuq il-magna ;*

*8. Illi l-attur ghalhekk safa` kostrett li jadixxi l-magna de quo formalment taht l-awtorita` ta` dina l-Onorabbli Qorti permezz ta` Cedola ta` Depositu apposita ;*

*9. Illi nterpellata formalment, anke permezz ta` ittra ufficjali datata 13 ta` April 2012, biex taghmel tajjeb, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti ;*

*10. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza ;*

*11. Illi dawn il-fatti, l-esponenti jafhom personalment ;*

*Tghid is-socjeta` konvenuta ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex : -*

*1. Tiddikjara li l-magna tat-tip ETEC 90HP mixtrija mill-attur minghand is-socjeta` konvenuta ma tahdimx kif suppost, ma hijiex tal-kwalita` pattwita bejn il-partijiet u separatament ghal dan ma hijiex assolutament tajba ghall-uzu intiz ghaliha u li ghalih inxtrat.*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` konvenuta ghandha l-obbligi illi tapplika fl-intier taghha l-garanzija applikabbli ghal bejgh de quo u li fil-kaz odjern ma rrispettatx l-obbligi taghha skond il-garanzija fuq il-magna.*

*3. Tikkundanna s-socjeta` konvenuta tirrifondi lill-attur l-ammont ta` €7,735.20, rapprezentanti l-prezz imhallas, u/jew alternattivament tigi rimpjazzata l-magna a spejjez tas-socjeta` konvenuta.*

*4. Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur.*

*5. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur, occorrendo bl-opra ta` periti nominando.*

*6. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur id-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk ta` l-ittra ufficjali datata 13 ta` April 2012, u tac-Cedola ta` Depozitu li pprecediet dawn il-proceduri, u l-imghax legali mid-data tal-bejgh tal-magna, kontra s-socjeta` konvenuta, li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fil-<u>11 ta` Gunju 2012</u> li taqra hekk –

*1. Illi preliminarjament il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici ai termini tal-Art. 1431 tal-Kap. 16 u/jew tal-Art. 2153 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost in-nullita` tal-azzjoni attrici. Dana stante li r-rimedji li seta` jipprevalixxi ruhu minnhom l-attur f`dan il-kuntest, kienu <u>jew</u> li jrodd il-magna lura u jitlob il-prezz intier taghha (actio redhibitoria), <u>jew</u> alternattivament li jzomm il-magna u jitlob lill-Qorti li jigi mhallas lura parti mill-prezz tal-istess magna (actio aestimatoria). Illi l-attur beda juza l-magna in kwistjoni fil-11 ta` Mejju 2009 u baqa` juzah ghal numru ta` snin. Illi kien biss fl-10 ta` Mejju 2012 wara li l-magna tellghet mijiet ta` sighat ta` uzu li ddecieda jiddeposita l-magna in kwistjoni taht l-awtorita`*

*tal-Qorti. Fil-kuntest ta` danakollu, hija nsostenibbli t-talba ghal rifuzjoni tal-prezz ta` €7,735.20.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, sta ghall-attur jidentifika l-azzjoni minnu promossa, u jekk si tratta ta` actio redhibitoria, actio aestimatoria, azzjoni ta` danni, jew wahda bazata fuq ksur ta` obbligi kuntrattwali.*

*4. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt kif ukoll fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrent Adrian Theuma.*

*5. Illi l-attur ma sofra l-ebda danni li jistghu jigu attribwiti ghal xi difett fil-magna mibjugha da parti tas-socjeta` konvenuta, nonostante l-fatt illi unikament biex jikkuntentaw lill-attur, xorta attendew ghall-ilmenti, minkejja li mhux koperti bil-garanzija, minghajr ebda hlas. Hija ghalhekk is-socjeta` konvenuta illi semmai soffriet danni.*

*6. Illi l-attur ma jistax jitlob illi jigu applikati kundizzjonijiet ta` garanzija illi ormai, kif iddikjara l-attur stess, skadiet fil-11 ta` Mejju 2012.*

*Salv eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-kumpannija konvenuta.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-21 ta` Gunju 2012 fejn il-kumpannija konvenuta talbet illi tirregola ruhha wara li l-attur iddikjara illi l-kawza ma kenitx istitwita ghax l-oggett tal-bejgh kien affett minn difetti mohbija, izda kienet istitwita fuq il-pretensjoni li l-oggett ta` l-bejgh ma kienx tal-kwalita` patwita.

Rat in-nota tal-kumpannija konvenuta tal-21 ta` Gunju 2012 (fol 14) li permezz taghha rrinunzjat ghall-ewwel, ghat-tieni u ghat-tielet eccezzjonijiet.

Rat il-provvediment taghha fejn laqghet it-talba tal-kumpannija konvenuta sabiex tipprezenta eccezzjoni ulterjuri.

Rat l-eccezzjoni ulterjuri ta` l-kumpannija konvenuta fejn kien eccepit illi l-azzjoni attrici kienet preskritta a tenur tal-Art.1407(1) tal-Kap.16.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta` Gunju 2012 fejn l-partijiet qablu li din il-Qorti ghandha tiddeciedi l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni skond l-Art.1407(1) tal-Kap.16.

Semghet id-deposizzjoni ta` Darius Goodwin fl-udjenza tas-27 ta` Settembru 2012 u rat id-dokumenti li kienu esebiti mix-xhud.

Rat in-nota b`dokumenti li kienu esebiti mill-attur fl-4 ta` Ottubru 2012.

Semghet id-deposizzjoni tal-attur fl-udjenza tas-16 ta` Ottubru 2012.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tad-difensuri tal-partijiet dwar l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni skond l-Art.1407(1) tal-Kap.16 fl-udjenza tas-16 ta` Ottubru 2012.

Rat id-digriet moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum dwar l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni skond l-Art.1407(1) tal-Kap.16.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Dritt</u>**

Dik attrici hija azzjoni fejn l-attur bhala xerrej qieghed jilmenta li l-oggett konsenjat mertu ta` bejgh ma kienx tal-kwalita` patwita.

L-azzjoni attrici hija msejsa fuq l-**<u>Art.1390 tal-Kap.16</u>** li jaqra hekk –

*Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwieghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti.*

Meqjusa n-natura tat-talbiet attrici, huwa evidenti illi l-attur ghazel l-ewwel alternattiva u cioe` *li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni.*

Apparti eccezzjonijiet fil-mertu, il-kumpannija konvenuta qeghda twiegeb ghall-azzjoni attrici b`eccezzjoni ulterjuri ta` preskrizzjoni skond l-**<u>Art.1407(1) tal-Kap.16</u>** li taqra hekk –

*L-azzjoni li tmiss lill-bejjiegh ghaz-zjieda tal-prezz, u dik li tmiss lix-xerrej ghat-tnaqqis tal-prezz jew biex jerga' lura mill-kuntratt, tintilef eghluq sentejn minn dak in-nhar tal-kuntratt.*

**L-attur mhuwiex qieghed ighid illi l-preskrizzjoni skond l-Art.1407(1) tal-Kap.16 ma kellhiex tkun eccepita fil-kaz ta` azzjoni tat-tip tentata minnu. Fil-**

**fatt l-attur qieghed jikkontesta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fuq il-mertu taghha.**

Fis-sentenza ta` din il-Qorti tat-30 ta` Gunju 1921 fil-kawza '**Carmelo Mangion pro et noe vs Alfonso Maria Galea noe'** (Kollez. Vol. XXIV.II.629) kien rilevat illi z-zmien ta` sentejn kontemplat bl-Art.1407 tal-Kap.16 huwa perijodu ta` dekadenza mhux ta` preskrizzjoni. Hemm il-Qorti ccitat lil Pacifici Mazzoni : Vendita : Vol I pag.390-391 : No.206 : Seconda Edizione : *cio che si desume non pure dalla locuzione della legge quanto dalla circostanza che tale termine corre contro tutti indistintamente quanto i minori ed ogni altra persona privileggiata. A tale perenzione o decadenza due condizioni sono necessarie e cioe` la perfezione del contratto ed il decorrimento del biennio dal giorno di tale perfezione del contratto.*

(ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tal-5 ta` Frar 1979 fil-kawza '**Alfred Delia vs Joseph Fenech**' – mhux ippubblikata).

Fis-sentenza taghha tas-7 ta` Jannar 1967 fil-kawza '**John Cassar vs Francesco Saverio Vella**' (Kollez. Vol. LI.II.691) din il-Qorti ghamlet analizi u tat tifsira mirquma ta` dak li kien l-Art.1457(1) – illum l-Art.1407(1) – tal-Kodici Civili.

Anke dik il-Qorti ghamlet riferenza ghal Pacifici Mazzoni : Vendita : Vol I pag.390-391 : No.206 : Seconda Edizione u ziedet tghid hekk –

*Li del resto il-lokuzzjoni tal-istess artikolu hija fis-sens li l-azzjoni 'tintilef' malli jiddekorri z-zmien stabbilit mil-ligi.*

*Li l-artikolu fuq imsemmi jikkorrispondi ghall-art.1622 tal-Kodici Franciz, bid-differenza li f`dana l-artikolu l-kelma 'tintilef' uzata mil-legislatur taghna hija espressa bil-kliem 'sotto pena di decadenza'. Dana z-*

*zmien ma jidhirx li seta` jigi prorogat jew interrott b`xi manjiera ghaliex anki Portalis li huwa l-kommentatur ta` dana l-artikolu isostni 'Questo tempo e` sufficiente per riconoscere un errore, che si puo` ad ogni istante verificare. Un termine piu` lungo (fil-Kodici Franciz huwa ta` sena) porterebbe troppa incertezza negli affari della vita' (citat fil-Locre`, t. VIII, p.74)*

*Li ghalhekk kwalunkwe interpellazzjoni gudizzjarja jew konversazzjoni ohra li setghu, skond il-ligi, jinterrompu t-termini tal-preskrizzjoni mita si tratta ta` preskrizzjoni, f`dana l-kaz, billi ninsabu f`materja ta` dekadenza ma jista` jkollha ebda effett interruttiv, ghaliex l-azzjoni hija perenta jekk ma tigix ezercitata fiz-zmien utili u mprorogabbli ta` sentejn. (Kollez. XXIX.III.137),*

Fis-sentenza taghha tad-29 ta` Marzu 1941 fil-kawza '**Edward Vincenti noe vs Carmelo Mazzitelli**', il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ma dahlitx fil-kwistjoni jekk il-perijodu kienx wiehed ta` dekadenza jew ta` preskrizzjoni izda sostniet illi meta l-azzjoni tax-xerrej tkun ghaliex ikun hemm nuqqas ta` kwalita` li tkun sostanzjali u li tkun giet esplicitament imweghda mill-bejjiegh lix-xerrej, l-azzjoni kellha tkun ezercitata fi zmien sentejn mill-kuntratt.

Fl-istadju tas-sottomissjonijiet finali dwar l-eccezzjoni ulterjuri, il-kumpannija konvenuta ghamlet riferenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti (PA/GV) tat-30 ta` Gunju 2003 fil-kawza '**Zammit Automobiles Limited vs Charles Bezzina**' sabiex tissottolinea l-fehma taghha li t-terminu ta` sentejn kellu jiddekorri mid-data tal-konsenja tal-oggett li dwaru jkun qieghed jigi allegat li ma kienx tal-kwalita` patwita.

Din il-Qorti rat mhux biss dik is-sentenza izda zewg sentenzi ohra li l-Qorti kienet tat fl-istess kawza.

Tistqarr illi l-pern tal-kwistjoni li kienet deciza fit-30 ta` Gunju 2003 ma kenitx dik li din il-qorti ghandha fil-kawza tal-lum. Kienet tolqot il-mertu tal-azzjoni. F`termini semplici u riduttivi ferm, kienet tittratta d-differenza bejn azzjoni dwar bejgh ta` oggett b`difetti mohbi u azzjoni dwar bejgh mhux tal-kwalita` patwita, u x`ghandu jaghmel il-kompratur bl-oggett mertu tal-bejgh.

Tirrikonoxxi illi *obiter* (ghax il-punt ma kienx mertu tad-decizjoni) il-qorti qalet hekk –

*Li dina l-azzjoni skond l-artikolu 1407(1) tintilef gheluq sentejn minn dakinhar tal-kuntratt u dan il-perjodu huwa wiehed ta’ dekadenza. Fil-kaz li tinghata eccezzjoni dwar nuqqas ta’ kwalita’ pattwita dina trid tigi proposta fi zmien sentejn mill-konsenja ta’ l-oggett mibjugh.*

<u>A skans ta` ekwivoci</u>, propju ghaliex bis-sentenza tal-lum, qeghda tigi deciza specifikament l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art.1407(1) tal-Kap.16, konfortata kif inhi mill-gurisprudenza diga` citata, din il-Qorti tghid kjarament illi t-terminu ta` sentejn biex kompratur jaghmel azzjoni biex jirripudja l-bejgh, kif qieghed isir fil-kawza tal-lum, fuq il-pretest illi l-oggett tal-bejgh ma kienx tal-kwalita` patwita jiddekorri mid-data tal-kuntratt <u>mhux</u> mid-data tal-konsenja.

**Fl-isfond ta` dawn il-konsiderazzjonijiet ta` dritt, din il-Qorti tghid illi fil-kaz tal-lum, il-provi akkwiziti dwar l-eccezzjoni ulterjuri tal-kumpannija konvenuta sejrin jitqiesu fuq il-premessa illi –**

**<u>Fl-ewwel lok</u>, il-perijodu ta` sentejn kontemplat mill-Art.1407(1) huwa perijodu ta` dekadenza mhux ta` preskrizzjoni.**

**<u>Fit-tieni lok</u>, is-sentejn jiddekorru mid-data illi fiha kien konkjuz ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-kuntratt bejn il-partijiet.**

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Provi</u>**

**In vista tal-konsiderazzjonijiet ta` dritt fuq premessi, din il-Qorti, ghall-fini tal-provvediment tal-lum, sejra tqis <u>biss</u> dawk mill-provi tal-partijiet li huma <u>rilevanti</u> fl-ambitu tal-konsiderazzjonijiet fuq riferiti.**

Il-kawza tal-lum tirrigwarda biss u eklussivament *magna gdida tat-tip outboard tad-ditta ETEC 90HP.*

Skond **<u>Darius Goodwin</u>**, Direttur Manigerjali tal-kumpannija konvenuta, il-magna kienet konsenjata lill-attur f`Jannar jew Frar tal-2009. Il-magna bdiet tintuza fil-11 ta` Mejju 2009. Kienet koperta minn garanzija li kienet taghlaq tliet snin wara u cioe` fil-11 ta` Mejju 2012. Meta l-magna kienet diga` fil-pussess tal-attur, il-kumpannija konvenuta harget invoice bhala konferma tal-bejgh bid-data tas-27 ta` Novembru 2009 (ara Dok DG6 a fol 50). Kien hemm dik id-disprepanza bejn id-data tal-konsenja u d-data tal-*invoice* ghar-raguni li fil-bejgh kien hemm involut tpartit u ghal ragunijiet ta` *accounts* kien hemm dewmien fil-hrug tal-*invoice* – xejn aktar.

Fl-4 ta` Ottubru 2012, l-attur ipprezenta nota b`serje ta` dokumenti f`<u>ordni kronologiku</u> (a fol 51 et seq). <u>L-ewwel ilment</u> bil-miktub tal-attur dwar il-magna kien fl-1 ta` Settembru 2009 (ara fol 54). Ilmenti ohra komplew wara dik id-data. F'email tat-22 ta` Ottubru 2010 (fol 63 et seq) li Tibor Toth (*After Sales Representative – Central & Eastern Europe, Russia & CIS*) ta` l-kumpannija manifattutrici tal-magna u cioe` Bombardier Recreational Products (BRP) rappresentata f`Malta mill-kumpannija konvenuta baghat lill-attur issir riferenza ghal *your*

*concerns with your 2009 Evinrude E90DSLSEB, ser. No. 5239219.* Minn dokument iehor prezentat mill-attur bl-istess nota (ara fol 66), jinghad illi *the engine in question … was commissioned and tested first time at sea on 13th March 2009.*

Fix-xiehda tieghu, **l-attur** ighid illi mal-kumpannija konvenuta kien ftiehem f`Dicembru 2008 illi l-kumpannija konvenuta tiehu lura dinghy zghir bil-mutur taghha li kien xtara minghand, izid Lm3,000, u jakkwista dinghy akbar bil-mutur in kwistjoni. Kien ftiehem mal-kumpannija konvenuta illi jarma hu l-accessorji tad-dinghy l-gdid hlief ghall-magna, li ghal ragunijiet ta` garanzija, kienet armata minnha stess. Dan sar fi Frar 2009. Id-dinghy l-gdid bil-magna de qua kien varat fit-13 ta` Marzu 2009. Bi problemi fil-magna, induna ghall-ewwel darba f`Mejju 2009 meta sab li kienet qeghda tahli hafna zejt. Meta kien fuq il-bahar, fis-16 ta` Awissu 2009, il-magna ntfiet. Fl-24 ta` Awissu 2009, dahhal il-magna ghas-service fl-24 ta` Awissu 2009 u minn hemm `il quddiem bdew kuntatti u tentattivi mill-kumpannija konvenuta li ssib tarf tal-problema li fallew u ghalhekk kellu jirrikorri ghall-procediment tal-lum. Ikkonferma li l-garanzija kienet taghlaq fil-11 ta` Mejju 2012.

**Ikkunsidrat :**

## IV. Risultanzi

Min-naha tal-attur, saret hafna enfasi fuq il-fatt l-kumpannija konvenuta rrilaxxjat garanzija favur l-attur dwar il-magna in kwistjoni. Il-kumpannija konvenuta taccetta li kien hemm garanzija. U hemm qbil ukoll bejn il-partijiet li l-garanzija kienet taghlaq fil-11 ta` Mejju 2012, li nzertat id-data tal-prezentata tar-rikors guramentat.

Mill-provi tal-attur ma rrizultawx it-termini precizi tal-garanzija. Ghalkemm man-nota tieghu a fol 51, l-attur jesebixxi bhala Dok A dak li huwa sejjah *kopja tal-garanzija, b`riferenza specjali ghall-ewwel klawsola,* wara li din il-Qorti rat id-dokument u l-klawsola partikolari li rrefera ghaliha l-attur, issib li dak id-dokument ma huwa garanzija xejn izda *jixbah,* ghaliex huwa estratt minn xi haga ohra, kondizzjonijiet ta` kuntratt.

L-uniku dokument in atti li jaghmel riferenza ghal *product warranty information* huwa dak esebit mill-kumpannija konvenuta (Dok DG1 – ara l-pagni 67 sa 78).

**Din il-Qorti hadet konjizzjoni ta` l-*product warranty information* pero` tghid illi m`ghandux rilevanza ghall-fini tal-kawza kif impostaha l-attur u ghad-difiza li ressqet il-kumpannija konvenuta.**

Fil-kawza tal-lum, l-attur mhuwiex qieghed jallega illi l-kumpannija konvenuta kienet inadempjenti fl-osservanza tat-termini tal-garanzija jew *warranty* u allura ghamel kawza biex jassikura l-osservanza tal-kumpannija konvenuta mal-konizzjonijiet tal-bejgh. Propju xejn minn dan. Minflok l-attur ghazel li warrab fil-genb il-*warranty,* u mar ghal azzjoni <u>specifika</u> biex jerga` lura mill-kuntratt tal-bejgh, jirrifjuta l-magna u jitlob id-danni ghax, skond l-attur, l-oggett mibjugh ma kienx tal-kwalita` patwita. F`azzjoni specifika ta` dik ix-xorta, ma tistax tidhol il-garanzija. Ghaliex il-garanzija bit-termini kollha taghha titlaq mill-presuppost illi l-bejgh mhux qieghed jigi ripudjat.

Din il-Qorti trid toqghod fuq il-kawzali u t-talbiet li ndirizza l-attur stess fir-rikors guramentat. L-ghazla ta` kif jimposta l-kawza kienet tal-attur. Ghalhekk mhuwiex lecitu ghal din il-qorti li tistharreg `l hinn mill-kawzali li ghazel l-attur.

Accertata t-tip ta` azzjoni li ha l-attur fil-kawza tal-lum, u stabbilit illi s-sentejn indikati fl-Art. 1407(1) tal-Kap. 16 huma perijodu ta` dekadenza <u>mhux</u> ta` preskrizzjoni, issir rrilevanti, ghall-fini tal-provvediment tal-lum, kull prova li tressqet dwar kif l-attur ilmenta mal-kumpannija konvenuta dwar il-funzjonament tal-magna u x`sar mill-kumpannija konvenuta min-naha taghha.

Il-punt krucjali jibqa` jekk l-attur ipprocediex bl-azzjoni tieghu tal-lum skond l-Art. 1390 tal-Kap.16 fi zmien sentejn mid-data tal-kuntratt skond l-Art. 1407(1) tal-Kap. 16.

Il-provi akkwiziti juru li l-attur iddekada mid-dritt tal-azzjoni. Infatti rrizulta li l-bejgh ma kienx tal-magna biss izda kien ta` dinghy u magna bi tpartit ma` dinghy u magna ohra li kellu l-attur bl-aggunta ta` Lm3,000. Dan il-bejgh kien konkjuz f`**<u>Dicembru 2008</u>**. Irrizulta li l-attur ha d-dinghy l-gdid bil-magna de qua fi **<u>Frar 2009</u>** u allura **<u>qabel</u>** harget l-invoice. L-opra tal-bahar kienet varata fit-**<u>13 ta` Marzu 2009</u>**. Il-garanzija bdiet tghodd fil-**<u>11 ta` Mejju</u>** **<u>2009</u>**. U l-invoice harget fis-**<u>27 ta` Novembru 2009</u>.**

Din il-Qorti tghid illi d-data tal-kuntratt ghall-fini tal-Art.1407(1) tal-Kap.16 kienet **<u>Dicembru 2008</u>** anke ghaliex skond l-**<u>Art.1347 tal-Kap.16</u>**, *il-bejgh hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu ghall-bejjiegh, il-proprjetà tal-haga tghaddi ghand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-haga u fuq il-prezz, ghalkemm il-haga tkun ghad ma gietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun ghad thallas il-prezz; u minn dak il-hin il-haga nfisha tibqa' ghar-riskju u ghall-uzu tax-xerrej.* Ghalhekk fil-**<u>11 ta` Mejju 2012</u>**, data tal-presentata tar-rikors guramentat, id-dritt tal-azzjoni ta` l-attur kien diga` *ntilef* billi kienu ghaddew sentejn *minn dak in-nhar tal-kuntratt* skond l-Art.1407(1) tal-Kap.16.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tilqa` l-eccezzjoni ulterjuri tal-kumpannija konvenuta u qeghda tiddikjara illi l-attur iddekada mid-dritt ta` azzjoni kontra l-kumpannija konvenuta a tenur tal-Art.1407(1) tal-Kap.16. Konsegwentement qeghda tichad it-talbiet kollha tal-attur, bl-ispejjez kontra l-attur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------